MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1281/2003

Kawza fil-lista: 25

**A sive B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Premess illi l-attrici A sive B C u l-konvenut D C izzewgu fil-15 ta' Lulju 1977 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. MG 1;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskressjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha

jew b' anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-15 ta' Lulju 1977 fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi z-zwieg iccelebrat fil-14 ta' Lulju 1977 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi mhux minhabba xi tort imputabbli lil konvenut (kif allegat l-attrici) izda ghar-ragunijiet imsemmijin mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, li tinsab a fols.13 u 14 tal-process ;

Premess illi l-konvenut D C u l-attrici A C izzewgu fl-14 ta' Lulju 1977 (Dok MG1 anness mac-citazzjoni ta' l-attrici).

Premess illi l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha jew b'

anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-attrici illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Premess illi l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb bi vjolenza morali jew biza' u dana da parti ta' terzi persuni.

Premess illi l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb (test Ingliz vitiated) bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi.

Ghaldaqstant, tghid l-attrici ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-partijiet celebrat fl-14 ta' Lulju 1977 fuq imsemmi huwa null u invalidu ghar-ragunijiet fuq imsemmija ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez ta' din il-kontro-talba kontra l-attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata, li tinsab a fol.19 tal-process ;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna u tal-kontro-talba, il-partijiet qedin jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghhom kuntrattat fil-15 ta' Lulju 1977 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali

taghhom jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Di piu’ l-attrici tadduci wkoll il-kontenut tal-paragrafu [c] fil-konfront tal-konvenut, filwaqt li dan jadduci wkoll il-kontenut tal-paragrafi [a] u [f] fil-konfront ta’ l-attrici.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Lulju 1977 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa erba’ [4] snin. Minn dan iz-zwieg ghandhom tifla li twieldet fit-18 ta’ Ottubru 1983. Wara konvivenza matrimonjalit ta’ circa wiehed u ghoxrin [21] sena, il-partijiet isseparaw de facto.

Illi fil-kors tal-provi l-partijiet ittorpedinaw lil xuxlin b’ fatti u komportament neCiv, li pero’ gew reciprokament respinti.

L-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenut wera li kien bniedem ghajjur, possessiv u dominanti, u xhih u li ma kienx mentalment stabbli; u tghid li wara li kienu krew l-appartament u ddecidew li jizzewwgu kienu jiggieldu prattikament kwazi kuljum; izda nonostante dan, hi tghid fl-affidavit taghha ‘jiena kont determinata li nkompli, principalment minhabba l-fatt li l-familja kollha kienet involuta fit-tieg u kelli hafna pressjoni u hafna aspettattivi, imma jiena anke dak iz-zmien kien qed ikolli d-dubji tieghi dwar l-istat mentali tal-konvenut..’[1] Fid-deposizzjoni taghha tas-17 ta’ Marzu 2005 l-attrici tghid li ‘indunjajt li dan kien il-komportament normali tieghu. Qed nigi mistoqsi ghal darba ohra, ghalfejn jiena zzewwigtu, nghid li zzewgitu minhabba li dak iz-zmien jiena kont mghomija bl-imhabba.’[2] Ulterjorment fl-istess deposizzjoni taghha hija tghid li ma kienet sfurzata minn hadd biex tizzewweg lill-konvenut.[3]

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li huwa kien ihobbha hafna lill-attrici u kien jafdaha hafna u ried li jizzewwigha[4], ghalkemm jilmenta li minn qabel iz-zwieg huwa kien induna li hi kienet ghajjura u possessiva u ‘ma tafdani f’

[1] Fol.25 – sottolinear tal-Qorti
[2] Fol.97
[3] Fol.99
[4] Fol.119

xejn'[5], kienet turi kunfidenza zejda ma' terzi u kienet tilbes ilbies modern li huwa kien iqisu bhala provokattiv.

Illi jidher li l-kopja kellha xi problemi fl-ewwel zmien taz-zwieg fejn jidhlu r-relazzjonijiet intimi. It-tnejn jakkuzaw lil xulxin bi bruda fir-relazzjonijiet intimi. Inoltre, l-attrici tghid li l-karattru possessiv u dominanti kif ukoll ix-xehha tal-konvenut hargu izjed wara z-zwieg tant li skond hi kienet thossha ddisprata, filwaqt li l-konvenut jghid li l-attrici kienet regghet bdiet tilbes ilbies provokanti u taghti kunfidenzi lil terzi u kienet "taghma bix-xalar, bil-flus u bil-lussu".[6]

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok hija opportuna l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza PA Maria Schembri vs Emanuel Schembri deciza fit-9 ta' April 2003 fis-sens li trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimojali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni, filwaqt li fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament. Iz-zmien relevant ghal fini ta' l-annullament taz-zwieg huwa l-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u dak li jsir wara jista' jservi biss bhala ndikazzjoni jew prova ta' dak li kien jezisti f' dak il-mument. Huwa minn din il-perspettiva li din il-Qorti ghandha tinterpreta l-inkwiet matrimonjali li nqala' bejn iz-zewg partijiet li fil-kaz prezenti damu jikkonvivu circa 21 sena.

Stabbilit il-premess il-Qorti ser tghaddi biex tezamina u tivvaluta l-kawzaljiet proposti mill-partijiet in sostenn tat-talba taghhom.

***[a] Discretio Judicii -***

Illi z-zewg partijhiet isostni li l-kunsens tal-konjugi l-iehor kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq

[5] Fol.119
[6] Fol.120

il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu; “jew” b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konjugi l-iehor li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenjzali taz-zwieg.

In propositu gie osservat fil-kawza *“App.C. D Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* “Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs D C – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli

impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [*Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs D Spiteri deciza 4.11.1994*] L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [*PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003*].

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs D Borg deciza 29.10.2003]*

*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[7] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [*Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra*].

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti

Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kellhom l-inkapacita' psikika li jifhmu l-obbligazzjonijiet matrimonjali, jew li kellhom grad tant baxx ta' maturita' li rrendiethom inkapaci li jgharfu dawn l-obbligi. Il-ligi stess tippresumi li kull min ghalaq is-sittax-il sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F' dan il-kaz ma rrizultax provat li l-attrici jew il konvenut kienu immaturi b' mod li l-kunsens matrimonjali taghhom huwa vizzjat. Huwa rilevanti l-fatt li meta l-partijiet izzewgu huma kellhom 24 sena u 29 sena rispettivament u kienu diga' dahlu fid-dinja tax-xoghol u wkoll kellhom relazzjonijiet precedenti qabel ma ltaqghu ma' xulxin.

Illi inoltre ma rrizultat ebda anomalija psikologika serja la fil-konfront ta' l-attrici u lanqas fil-konfront tal-konvenut li kienet irrendiet impossibbli li l-partijiet jaqdu d-dmirijiet matrimonjali taghhom. Pjuttost jirrizulta, fil-fehma tal-Qorti, il-fattur ta' l-inkompatibbilita' ta' karattru. Ghaldaqstant din il-*caput nullitatis* ma tikkonfigurax.

[2] Illi t-tieni kawzali proposta mill-attrici hija bazata fuq it-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla, bhala wahda mill-*caput nullitatis*, il-kaz fejn il-kunsens matrimonjali tal-konjugi l-iehor ikun inkiseb b' qerq dwar kwalita'.

In propositu gie ritenut fil-gurisprudenza li biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba affarijiet: [1] il-qerq <u>perpetrat bil-hsieb</u> li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq tkun <u>incida fuq il-kunsens</u> tal-partijiet; [3] li l-qerq ikun <u>jirrigwarda xi kwalita'</u> tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha <u>tfixkel serjament</u> il-hajja mizzewga.

Kif osservat mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell fil-kawza *App. Louis Agius vs Georgia Agius deciz fis-19 ta' Ottubru 1998* "Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' moral substitution li kif spjegat mill-awturi din tissussisti when "the quality is: an inherent proprety of the person, and not some isolated past action; present at the time of the wedding; grave, either objectively or subjectively;

unknown to the other party; fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent; and lastly, the quality must provoke a crisis on discovery, as otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial" [Wrenn – "Annullment"]. [Dan l-insenjament bazat fuq id-dritt kanoniku gie addottat ukoll fil-kawza *PA[PS] Stephen Sciberras vs Avk.Francesco Depasquale – 9.12.2002*] In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li "l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."

Illi fil-kaz in disamina jirrizulta car u manifest li ma kien hemm ebda qerq prattikat mill-konvenut fuq l-attrici. Mill-affidavit taghha, jirrizulta car li l-attrici kienet taf bl-aspetti fil-karattru tal-konvenut li llum tilmenta dwarhom u li skond hi fixlu serjament il-hajja matrimonjali ta' bejniethom. Kif fuq indikat, hija stess tghid li aspetti neCivi fil-karattru tal-konvenut, allegati minnha [izda michuda mill-konvenut] kienu jezistu qabel iz-zwieg, u kien ben konxja taghhom, izda xorta wahda hija ddecidiet li tizzewwgu ghax fi kliemha stess *'kont mghomija bl-imhabba'*[8]. Ghaldaqstant din il-*caput nullitatis* ma tikkonfigurax.

[3] Illi fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jaddebita lill-attrici l-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [a] u [f] ta' l-artikolu precitat li l-Qorti ser tezamina *seriatim*.

[a] ***Vis et metus*** - In tema legali huwa relevanti dak osservat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza *App.C. D Spiteri vs George Spiteri [Vol.LXXXV.II.81]* b' referenza ghall-esposizzjoni dottrinali maghmula fis-sentenza **PA Carmel Camilleri vs Teresa Camilleri deciz fit -3 ta' Ottubru 1995* li: Biex il-kunsens matrimonjali jkun ivvizzjat bil-vjolenza jew bil-biza' fis-sens tal-ligi jehtieg li dik il-vjolenza jew biza' tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens, izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il matrimonio e' nullo se si celebra per timore, e non e nullo se si celebra con timore [Bersini]. Il-biza trid tkun ta' certu portata b' mod li tkun tista' tidditermina kompletament l-ghoti tal-kunsens. Jehtieg ghalhekk li jigu

[8] Supra

ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dak li pprecedew iz-zwieg kif ukoll dawk aktar vicin u qrib id-data taz-zwieg.

Fil-kawza *PA[PS] Denise Borg vs Christopher Borg deciza 21 ta' Ottubru 2002* gie osservat li biex il-vjolenza morali tivvizja l-kunsens jehtieg li din tahkem fuq persuna ragjonevoli, u ggeghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghalxejn b' xejn f' perikolu ta' hsara kbira [Art.978[1]. Fi kliem iehor il-pressjoni jew vjolenza jehtieg li jkunu determinanti, ingusti u gravi. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta', is-sess u l-kondizzjoni tal-persuna [Art.978[2]. It-termini "pressjoni" u "vjolenza" huma ekwipollenti ghal xulxin gjaladarba jista' jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita [*App.Emanuel Falzon vs Anthony Farrugia – 21.04.1997*] Hemm pressjoni jew vjolenza li jivvizjaw il-kunsens meta dawn jirriflettu u jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni mentali tal-persuna tant li din ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq, u biex tevita l-minaccja ta' dannu gravi, taghzel u taghmel dak li jiddetalha jew jrid haddiehor.

Tibqa' pero dejjem fil-prudenza tal-gudikant fuq il-provi akkwiziti, l-indagini tal-fatt dwar l-ezistenza o meno tal-vjolenza [*PA Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo – 14.11.1935*] Izda ghandha tintuza cirkospezzjoni biex ma jigix facilment annullat att li invece jisthoqqlu jibqa' fis-sehh [*App.Giuseppe Trichett vs Giorgio Mangion – 22.05.1931*]

Inoltre, biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni tammonta ghal vjolenza morali jew biza esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. [*PA[VDG] Carmelo Saliba vs Mary Saliba – 15.08.1995*]

Illi fil-kaz in dizamina jirriuzlta car u manifest li dan il-*caput nullitatis* ma jirrizultax. Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li, nonostante li kien hemm hwejjeg li ma kienux joghgbuha

fil-konvenut, hija xorta wahda ma rieditx thassar iz-zwieg, u tghid li 'kont determinata li nkomplu'[9]. Ghalkemm hija tghid li hasset li kellha hafna pressjoni 'minhabba li l-familja kollha kienet involuta fit-tieg' hija xorta wahda ghamlet li riedet ghax kienet 'determinata' li tkompli biz-zwieg ; anke, kif qalet hi stess, ghax kellha 'hafna aspettattivi'. Il-Qorti tosserva li minn din il-parti ta' l-affidavit johrog car li l-attrici zzewget ghax riedet u mhux minhabba li l-volonta' taghha kienet soggetta ghal xi forza rresistibbli li gieghlitha taghmel dak li ma tridx : *non agit sed agitur*. Hija kienet libera fil-volonta' taghha u ghamlet l-ghazla taghha b' determinazzjoni. Il-fatt li d-decizjoni taghha eventwalment irrizultat zbaljata peress li ma lahqitx l-aspettattivi taghha fiz-zwieg hija estranea ghal vertenza in disamina. Anzi ghazla, anke jekk zbaljata hija konformi ma' volonta' libera. Ghaldaqstant dan il-*caput nullitatis* ma jikkonfigurax.

***[f] Simulazzjoni*** - Illi jinsab ritenut fil-gurisprudenza li s-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*] In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li "l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jhigi ppruvat." [*PA[PS] Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.D Sammut noe deciza 9.12.2002*]

Illi fil-kaz in disamina jirrizulta ampjament li dan il-caput nullitatis ma jikkonfigurax ; anzi l-provi juru li z-zewg partijiet riedu li jizzewwgu lil xulxin u riedu jghixu l-hajja matrimonjali flimkien. L-attrici minn naha taghha kienet

[9] Supra – sottolinear tal-Qorti.

determinata li tkompli biz-zwieg, u minn naha tieghu wkoll il-konvenut jghid li huwa lill-attrici ‘kont inhobbha u jiena ridt nizzewwigha’[10] Inoltre, ma rrizultax li t-tilwim matrimonjali kien frott jew jorigina minn xi eskluzjoni posittiva da parti ta’ xi wiehed mill-konjugi ta’ xi obbligu essenzjali tal-hajja matrimonjali. In fine jigi osservat li, ghalkemm iz-zewg partijiet ilmentaw minn bruda sesswali fil-konfront ta’ xulxin [liema mputazzjoni giet respinta reciprokament], il-provi juri li dawna fil-fatt kien ikollhom relazzjonijiet intimi ma’ xulxin, u seba’ snin wara z-zwieg twieldet tifla minn dan iz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li kemm it-talba attrici kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut ma jsibux sostenn fil-provi, u ma jimmeritawx li jigu milqugha.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li “Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta’ u bla dubju ta’ xejn huwa ta’ ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss.” Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta’ u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m’ ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta’ bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta’ pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxix biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa’ fis-sehh. [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987, citata b’ approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002*]

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-attrici bl-ispejjez kontra l-istess; u tichad il-kontro-talba tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

[10] Supra

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------